MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 3/2013

**BRIAN BONNICI**

**Vs**

**ISLAND HOTELS GROUP LIMITED (C19442) u HOSPITALITY SERVICES COMPANY LIMITED (C27194)**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2987 deciza mit-Tribunal Industrijali fid-9 ta' Jannar 2013, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li:*

*9.1 It-temma tal-impjieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.*

*9.2 Il-kumpaniji intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' Hames Telef Sebgha Mija u Sebagha u Tletin Euro u Hdax il-Centezmu (€5,737.11) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir sa nhar it-28 ta' Frar 2013.*

*Ghall-fini ta' taxxi u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax il-Centezmu (€93.17).”*

Bl-appell minnhom introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, s-socjetajiet Island Hotels Group Limited (C19442) u Hospitality Services Company Limited (C27194) ressqu is-segwenti aggravvji:

1. In-nuqqas ta' trasparenza assoluta murija mic-chairman tat-Tribunal Antoine DeGiovanni, liema nuqqas kien wiehed serju u ingustifikat minn naha tieghu u gie biss a konoxxenza tal-appellanti wara li gie deciz il-kaz odjern.

2. L-interpretazzjoni zbaljata maghmula mit-Tribunal tal-artikolu 36 subartikolu (14)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi r-raguni ghat-tkeccija moghtija mill-appellanti ma kenitx in-nuqqas ta' fiducja *sic et sempliciter*, izda l-fatt illi l-impjegat kien gideb sfaccatament lis-superjuri tieghu meta ghalkemm gie ikkonfrontat bil-fatt illi kien intlemah barra qed jahsel il-vettura tieghu meta suppost kien marid bis-*sick leave*, huwa baqa' jichad dan il-fatt. Dan ifisser illi huwa abbuza mis-*sick leave* tieghu u ghalkemm iddikjara illi ma setax jidhol jahdem minhabba li kien wegga' daharu kien jiflah jaghmel xoghol ta' strapazz iehor.

3. il-kontradizzjoni fid-decizjoni impunjata, fejn ghalkemm it-Tribunal ikkonkluda illi l-agir ta'l-impjegat ikkontribwixxa ghat-temm ta'l-impieg tieghu, madanakollu imbaghad ghadda sabiex ikkonkluda illi din ma

kenitx gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta'l-impjieg, izda semmai kellha tittiehed biss xi forma ta' azzjoni dixxiplinari.

Illi appell minn decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali huwa ammissibbli jekk ikun fiha vjolazzjoni jew applikazzjoni falza ta' punt jew principju ta' dritt u dana bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati, u mhux, sempliciment, kif inhu l-kaz ukoll hawnhekk, proponibbli f'kollegament mad-deduzzjoni illi t-Tribunal ma ghamelx indagini sewwa tal-kawza tal-licenzjament."** (App.Inf Kenneth Vella vs Seabank Catering Co.Ltd deciza 23/05/2008)

Illi l-appellanti fl-ewwel aggravvju minnhom sollevat ma jattakkaw l-ebda punt ta' dritt imqanqal fid-decizjoni impunjata, izda jilmentaw minn ksur ta' principju ta' gustizzja naturali meta jallegaw illi l-aggudikatur seta' kellu kunflitt ta' interess u kwindi din affettwat l-imparzjalita' tieghu meta wasal ghad-decizjoni fuq il-kaz. Illi dan l-ilment gie sollevat issa fi stadju ta' appell mill-appellanti ghaliex jallegaw illi ma kenux a konoxxenza ta' dan il-fatt fil-mori tal-proceduri quddiem it-Tribunal. Jallegaw illi c-Chairman fil-passat mhux 'il boghod kellu kunflitt u disgwid ma' direttur tas-socjeta Island Hotels Group Limited u cioe' mas-sur Winston V. Zahra. Jallegaw illi gjaldarba dan il-fatt kien a konoxxenza tac-Chairman huwa messu mal-ewwel astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi bhala qorti ta' revizjoni hija ma ghandhiex il-jedd tistharreg allegazzjoni bhal din iktar u iktar meta l-appellanti setghu kienu

a konoxxenza ta' dan il-fatt mill-bidunett ta' dawn il-proceduri, izda baqghu inattivi u sokkombenti tul l-mori tal-kaz. Illi l-fatt illi wiehed mid-Diretturi sar jaf biss wara min kien l-aggudikatur f'dan il-kaz ma jiggustifikax il-fatt illi din il-lanjanza qed titressq biss issa fi stadju ta' appell. Fuq kollox jekk dan il-kaz kien wiehed li sahansitra gibed l-attenzjoni tal-media lokali, kif isostnu l-appellanti, certament illi id-diretturi l-ohra li kienu involuti direttament f'dan il-kaz kellhom ikunu a konoxxenza ta'l-istess u dan in-nuqqas da parti taghhom ma jistax issa jigi rimedjat fi stadju ta' appell.

Illi inoltre l-artikolu 76(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jispecifika ir-ragunijiet li fihom tista' issir ir-rikuza jew l-astensjoni bhala wahda minn dawk ic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12. Illi dan il-punt gie superjorment mistharreg recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'digriet moghti fl-10 ta' Marzu 2015 meta inghad:

**"Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom ("conveniente") tali astensjoni jew rikuża . L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.**

**.... Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant <u>din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla</u>. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni**

**tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli"** [1].

Maghdud dan allura ma hemmx dubbju illi l-allegazzjoni imressqa 'il quddiem mill-appellanti ma hijiex oggettivament gustifikata. Kif inghad, in prim'istanza ma jidhirx illi kien hemm xi nuqqas minn naha tal-aggudikatur tali illi l-partijiet jew xi hadd minnhom, hassew li dan kien qed jimxi b'mod parzjali jew ingustifikat. Ma jidhirx illi l-appellanti gew imcahhda milli iressqu id-difiza taghhom u il-provi in konnessjoni ma'l-istess. Il-fatt illi kaz ikollu ezitu negattiv ghal xi parti, ma ifissirx, *per konsegwenza*, illi l-aggudikatur kien ippregudikat fil-konfront ta' dik il-parti. Il-Qorti hija tal-fehma illi fl-ewwel lok f'dan il-kaz ma jezistux ic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li kellha twassal ghar-rikuza tal-aggudikatur, l-allegazzjoni maghmula mill-appellanti ma hijiex ibbazata fuq fatti oggettivament riskontrabbli, izda hija ibbazata fuq mera supposizzjoni jew hsieb u inoltre huma messshom indunaw b'dan il-fatt mill-bidu-nett tal-proceduri u mhux biss issa fi stadju ta' appell meta gew affaccjati b'decizjoni sfavorevoli ghalihom. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi l-appellanti jilmentaw fit-tieni aggravvju imressaq minnhom illi it-Tribunal malament applika dak dispost fl-artikolu 36(14)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta billi r-raguni ghat-tkeccija tal-impjegat ma kenitx ibbazata fuq in-nuqqas ta' fiducja, izda fuq l-imgieba skorretta tieghu meta huwa abbuza mid-dritt tas-*sick leave* moghti lilu u anke gideb mal-appellanti.

Illi jinzel mill-atti probatorji illi l-appellat kien gie impjegat originarjament bhala *waiter* mas-socjeta appellanti, izda maz-zmien id-diligenza u l-isforzi

[1] Lawrence Grech et vs Carmelo Pulis

tieghu wasslu sabiex huwa inghata posizzjoni ta’ aktar responsabbilita tant illi fl-ahhar huwa kellu il-kariga ta’ Assistant Cost Controller. Jidher illi l-appellat kien impjegat ezemplari u qatt ma ittiehdet xi forma ta’ azzjoni dixxiplinari fil-konfront tieghu. Gara izda li minhabba korriment f’daharu huwa ma setax jattendi ghax-xoghol u il-konvalexxenza tieghu kienet ser tiehu certu zmien tant illi it-tabib tal-kumpanija stess ghamillu certifikat mediku minghajr zmien u cioe’ indefinit. Jidher illi madanakollu l-appellat kien ser jipprova jidhol ghax-xoghol bil-kundizzjoni illi huwa ikollu it-trasport billi ma setax isuq u ukoll bil-kundizzjoni li ma jaghmilx xoghol ta’ strapazz. Gara izda illi waqt li kien fil-perijodu tas-*sick leave* id-dar, huwa intlemah jahsel ir-roti tal-vettura tieghu hdejn xi garaxx u dan l-fatt gie irrappurtat lill-amministrazzjoni li ikkonfrontat mal-ewwel lill-appellat b’dan il-fatt. Jidher illi l-appellat izda baqa’ jichad illi kien hareg mid-dar, ghalkemm fl-ahhar ammetta li kien ghamel dan ghax kien akkompanjah missieru. Abbazi ta’ dawn il-fatti l-appellanti hassew li kellhom jitterminaw l-impjieg ta’l-impjegat taghhom bhala Assistant Cost Controller. Izda wara li l-appellat talab lill-appellanti sabiex ma ikeccuh, huma offrewlu impjieg alternattiv bhala *barman*, izda l-appellat ma accettax din id-*demotion*. Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-impjieg tal-appellat gie itterminat.

Illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu sahaq illi ghalkemm l-imgieba tal-appellat kienet wahda skorretta, madanakollu ma kenitx gravi tali li kellha twassal ghall-estremi tat-tkeccija, izda kienet timmerita biss xi forma ta’ azzjoni dixxiplinari. Fl-ebda parti mid-decizjoni impunjata ma jidher illi t-Tribunal kien qed jimmottiva is-sentenza tieghu fuq in-nuqqas ta’ fiducja wahedha meta jinghad:

“***Izda t-Tribunal ser jikkonsidra c-cirkostanzi kollha u l-gravita o meno tal-kumplament tal-akkuza li ghamlu l-kumpaniji intimati flimkien ma’l-argumenti l-ohra relatati.***”

Dan ifisser illi dak li wassal lit-Tribunal biex jilqa' it-talba tar-rikorrenti, kien ibbazat fuq ezami tal-fatti kollha li wasslu ghat-tkeccija fejn gie konkluz illi dawn ma kenux gravi u impellenti li setghu jiggustifika it-terminazzjoni ta'l-impjieg u certament ma kienx ibbazat fuq il-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' fiducja.

**" ..... f'materja ta' rapporti tax-xoghol, id-diligenza ta' l-impjegat tikkostitwixxi f'dan ir-rapport dik il-kondotta integrativa primarja, kollegat ma' l-adempiment ta' l-obbligazzjoni. Tali dover tad-diligenza mqieghed a karigu ta' l-impjegat fl-ezekuzzjoni ta' hidmietu, hi specifikazzjoni tal-principju generali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet. S' intendi, bl-opportun adattament dettat minn natura tal-mansjoni affidata lill-impjegat;**

**Imqeghda f'dan il-kwadru, id-diligenza skond il-mudell tal-bonus paterfamilias tirrapprezenta kriterju oggettiv tal-valutazzjoni ta' l-adempiment mill-haddiem, u din id-diligenza titkejjel skond dawn iz-zewg indikaturi:- (1) L-ewwelnett, f'rapport mal-prestazzjoni dovuta. Dan fis-sens illi hu mistenni li l-impjegat jassikura illi l-mansjoni jew mansjonijiet jigu ezegwiti skond il-kwalita partikulari ta' l-attivita tieghu. Hekk, allura, in bazi ghall-abilita teknika jew professjonali rikjesta fl-espletament tal-mansjoni u l-osservanza ta' kull imgieba accessorja (ubbidjenza, fedelta) u dik tal-kawteli necessarji ghal fini tal-korrettezza professjonali; (2) Fit-tieni lok, u akkoppjat ma' ta' l-ewwel, il-kriterju ta' l-interessi tal-kumpanija li thaddmu. Jigifieri, li jkun assikurat illi x-xoghol ezegwit ikun sew korrelat ma' l-ezigenzi partikulari tal-principal; (Vella vs Seabank Hotel )**

Dan ghaliex :

**"Hi disposizzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, illi principal jista' jillicenzja impjegat tieghu ghal "raguni tajba u bizzejjed" u dan bla htiega ta' preavviz u minghajr obbligu ta' hlas. Minn dan tohrog ir-regola generali li tkeccija mill-impjieg ma tistax issehh hlief ghal raguni valida. Naturalment, ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-ohra li, una volta accertata l-illegittimita tat-tkeccija, lill-impjegat ghandu jinghata rizarciment f' forma ta' kumpens. Indubbjament, "ir-raguni tajba u bizzejjed" li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta ta' l-impjegat, idoneja biex tillegittima c-**

**cessazzjoni tar-rapport ta' impjieg. Ragonevolment, imbaghad, l-accertament ta' dawk l-elementi ta' fatt li jintegraw il-parametru normattiv ta' l-espressjoni suddetta hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta' fatt u tali, fil-limiti stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta' revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici-guridici. Opportunement, irid jigi registrat illi l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravvizat f' dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b' riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport." (Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited Appell Inferjuri deciza 30/04/2008.)**

Arginati ghalhekk l-aggravvji imressqa mill-appellanti f'dan l-insenjament guridiku u legali, huwa bil-wisq evidenti illi gjaldarba gie stabbilit illi t-Tribunal ma ibbazax id-decizjoni tieghu fuq in-nuqqas ta' fiducja tal-principal fil-konfront ta'l-impjegat tieghu u allura kien hemm applikazzjoni korretta tad-dritt in materja, din il-Qorti hija issa prekluza milli tezamina l-fatti li sawwru l-gudizzju tat-Tribunal *ex novo*. Dan ifisser allura illi lanqas l-ahhar aggravvju ma jista' jintlaqa' billi dan huwa imsejjes fuq apprezzament mill-gdid tal-provi. Illi madanakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax illi impjegat b'karriera mifruxa fuq numru ta' snin li dejjem mexa b'mod ezemplari fil-hidma tieghu u ta il-kontribut tieghu lejn l-attivita kommercjali imhaddna mill-principal tieghu, ghalkemm, kif ikkonkluda it-Tribunal, seta' ma mexiex ghal kollox b'mod korrett f'din ic-cirkostanza partikolari f'hajjtu, fejn l-agir tieghu kien iddettat x'aktarx mill-biza', kif fil-fatt sehh, li jitlef l-impjieg tieghu, ma kienx haqqu jircevi is-sanzjoni tat-tkeccija. L-impjieg li huwa l-ghajn tal-ghejxien ghal haddiem u il-familja tieghu huwa sagru u ghalhekk tkeccija ma tistax tinghata bhala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiza gravi tant illi meta wiehed jizen n-nuqqas tieghu mal-hsara li jista' isofri il-principal ghal tali nuqqas, dan ixaqqleb favur il-principal.  Huwa biss f'din ic-cirkostanza illi t-tkeccija tkun

gustifikata, cirkostanza li f'dan il-kaz ma kenitx tezisti tenut kont tal-imgieba ezemplari li dejjem wera l-appellat fil-konfront tal-principal tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------